**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 5 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Matthew Spagnol**

**Vs**

**Simone Scollo**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Simone Scollo, t'20 sena, imwieled Acireale, l-Italja, nhar it-12 t'April 1996, iben Biaggo u Angela nee' Leonardi, residenti fil-fond PV Hostel, Triq Wilga, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana numru AX3801153;

Talli nhar il-5 ta' Marzu 2017, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs), fi Triq Santu Wistin:

1) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill=pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-5 ta' Marzu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bill-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza mertu ta' dawn il-proceduri taht l-awtorita' tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**